ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 3

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2014**

**IL-ĦAMES KLASSI** **IL-MALTI** **L-ISKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | | Tweġiba | Marka | Tagħrif Ieħor |
|---|---|---|---|---|
| A | 1 | Appostolat fix-Xagħra | 1 | |
| | 2 | Għall-ewwel kienet tmexxi s-sorijiet, u wara ntgħażlet bħala Superjura tad-dar il-ġdida msejħa ta' Marija Bambina. | 1 | Iż-żewġ xogħlijiet iridu jissemmew biex tingħata l-marka. |
| | 3 | Jgħix bir-renta u jistrieħ. | 1 | |
| | 4 | Ħadet xogħol ġdid f'idejha. Ħassitha qisha għadha tibda issa biex taħdem, qisha kienet l-ewwel esperjenza tagħha fix-xogħol. Kellha entużjażmu kbir. | 2 | |
| | 5 | Raħal żgħir, magħmul mill-bdiewa, ilkoll sempliċi, ta' qalb tajba. Lesti li jgħinu minn qalbhom. Ferħanin bil-ftit li kellhom f'dik id-dinja ċkejkna u limitata li fiha kienu jgħixu. | 3 | Araw li jingħataw it-tliet tagħrifiet mogħtija fit-tweġiba. Marka għal kull waħda. |
| | 6 | Qabel kien ambjent storbjuż u movimentat, l-aktar fl-ibliet, u issa kollox kalm u kwiet. | 2 | |
| B | 1 a | ħsebijiet – sorijiet – kilometri – Franġiskani | 1 | F'dan it-taħriġ il-kelma trid tkun miktuba tajba biex tingħata l-marka. |
| | b | maħtura - msejħa | 1 | |
| | ċ | l-isbaħ | 1 | |
| | d | drat - għaddiet | 1 | |
| | 2 a | b – d – j, fis-7 forma | 1 | il-kliem irid ikun miktub tajjeb |
| | b | ippruvajna, ippruvajtu, ippruvaw | 1 | |
| | ċ | muftieħ | 1 | |
| | d | missirijiethom | 1 | |
| | 3 a | sar aħjar u aktar b'saħħtu u qawwi | 1 | Aċċett tweġibiet oħra li jagħmlu sens. |
| | b | għajnuna, daqqa t'id | 1 | |
| | ċ | proġetti, xogħlijiet | 1 | |
| | 4 a | jgħix bir-renta | 1 | |
| | b | għadha magħluqa u limitata | 1 | |
| | 5 a | għadd imtenni | 1 | |
| | b | (ii) pronom mehmuż | 1 | |
| | ċ | (i) rumanz jew (iii) Ingliż | 1 | |
| | d | (i) verb irregolari | 1 | |
| | 6 | Varji | 2 | |
| Ċ | | Fil-każ ta' **a**, ara li jkun hemm titlu għar-rapport, u li r-rapport innifsu jkun ta' paragrafu wieħed.<br>Fil-każ ta' **b**, din hija ittra elettronika. Ara li jkun hemm l-indirizzi mogħtija. | 8 | Din it-taqsima titqies bħala Kitba Kontinwa. Għalhekk, il-marki għandhom jingħataw skont **Skema ta' Marki A**. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| D a | 1 | Fil-ħajja kollox jgħaddi u jintemm, ħlief il-baħar, li fl-immensità u l-qawwa tiegħu jibqa' ħaj u jgħaddej għal dejjem. | 2 | Aċċetta tweġibiet simili. |
| | 2 | Il-versi f'kull strofa huma 7 – 11 – 7 – 11, settenarji u endekasillabi, kollha watja.<br>Ir-rima hija abċb. | 1<br><br>1 | |
| | 3 | personifikazzjoni: hemm ħafna minn fejn tista' tintgħażel waħda.<br>anafora: v.v. 15-16 | 1 | It-tnejn iridu jkunu tajbin biex tingħata l-marka. |
| | 4 | għelma: sinjal, marka<br>fik il-milja tal-ħajja: il-ħajja fil-kompletezza tagħha<br>jofrogħ u jimla: tiela' u nieżel<br>dnewwa: ħażen | 2 | Nofs marka l-waħda.<br>Jekk l-istudent iġib 0.5, din tiġi 1, jekk iġib 1.5 din tiġi 2. |
| | 5 | għall-balluta u għall-Alpi | 1 | |
| | 6 | Varji | 3 | |
| | 7 | Varji | 2 | |
| D b | | Komponiment Letterarju | 20 | Il-marki jitqassmu kif ġej:<br>14 għall-kontenut u tqassim;<br>6 għall-ortografija. |
| E | | Komponiment | 20 | Ara **Skema ta' Marki B.** |

## SKEMA TA' MARKI A

Skema ta' marki għal proża mtawla
**eż. Letteratura[1], Proġett, Malti Komunikattiv eċċ.[2]**

| Marka [3] | Forma u Kontenut [4] | Ortografija [5] |
|---|---|---|
| | | |
| 3 | 2 | 1 |
| 5 | 3 | 2 |
| 6 | 4 | 2 |
| 7 | 4 | 3 |
| 8 | 5 | 3 |
| 9 | 6 | 3 |
| 10 | 7 | 3 |
| 12 | 8 | 4 |
| 15 | 9 | 6 |
| 20 | 12 | 8 |
| 25 | 15 | 10 |

1. Fit-tweġiba tal-letteratura l-eżaminatur għandu jara li l-istudenti jagħtu kemm tagħrif kif ukoll analiżi.

2. Il-komponiment/l-esej mhuwiex imdaħħal f'din l-iskema. Għall-komponiment ara l-iskema ta' marki maħduma għal dan il-għan.

3. Fejn il-marka tal-eżami tkun skont kif tidher f'din il-kolonna, din tinqasam skont il-marki li hemm fiż-żewġ kolonni l-oħra, jiġifieri dwar (i) il-forma u l-kontenut u (ii) l-ortografija.

4. B'Forma u Kontenut hawnhekk nifhmu ideat, tagħrif, preżentazzjoni, stil u strutturi ta' sentenzi. Huwa importanti ħafna li meta naraw ix-xogħlijiet tal-istudenti niflu sewwa dak li jkunu qegħdin jippruvaw jesprimu l-istudenti u nagħtuh il-valur li jistħoqqlu. Fejn tidħol l-istruttura ta' sentenzi għandna nagħmlu l-almu tagħna kollu biex naraw li l-istudenti ma jwaqqfux il-ħsieb tagħhom sempliċiment fuq il-kelma iżolata u jinsew is-sentenza/il-paragrafu. Hawn irridu nżommu f'moħħna l-importanza tar-relazzjonijiet lessikali (kliem), sintattiċi (sentenzi) u semantiċi (tifsiriet) f'lingwa li tintuża ħafna bħala mezz ta' komunikazzjoni fit-taħdit.

5 B'ortografija hawnhekk nifhmu żbalji fil-mod kif wieħed jispelli l-kliem għal rashom u fis-sentenzi. Irridu nżommu f'moħħna li minħabba li l-iżbalji tal-*ortografija* fil-Malti huma komuni ħafna, irridu naraw li ssir *enfasi* kbira fuqha fl-eżerċizzji/taħriġ/xogħlijiet li jinkludu l-kitba fihom.

## SKEMA TA’ MARKI B — 20 marka

Kriterji għall-assessjar ta’ kitba kontinwa: ***Il-Komponiment***

Qiegħed il-kitba f’waħda mill-kategoriji fuq ix-xellug tal-iskema billi tagħtiha marka ġenerali skont l-ewwel impressjoni li tħalli fuqek. *Dawk il-kitbiet li jkunu* ***barra s-suġġett*** *għandhom jibdew jingħataw marki minn* ***10*** *minflok minn 20 u mbagħad jiġu addottati l-kriterji normali.*

Għaddi biex taġġusta l-marka billi żżid jew tnaqqas il-marki skont il-kategorija li fiha jkun il-komponiment/kitba kreattiva skont il-valuri li l-kitba jkun ħaqqha fuq il-kriterji li jidhru fuq ix-xellug tal-iskema.

| | **Kategorija** | **Kriterji** | **Deskrizzjoni** | **Medda tal-marki** | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Naqqas u żid skont il-livell tal-kitba f’dawn il-valuri | | | |
| | | | | ideat dwar is-suġġett u kreattività | Stil u struttura (punteġġja-tura, paragrafi, eċċ.) | Grammati-ka, sintassi u Malti idjomatiku | Ortografija |
| a | Tajba ħafna Marki: 20-16 | Eċċellenti | Struttura tas-sentenza tajba u għażla u medda ta’ vokabularju varjati. Din tkun bla żbalji. Il-kandidati juru ħila fil-komunikazzjoni. | 5 marki | 4 marki | 4 marki | 7 marki |
| | | Tajba ħafna (b’xi difetti żgħar) | | | | | |
| b | Tajba Marki: 15-10 | Livell tajjeb | Kompetenza fl-użu tal-aspett komunikattiv. Għalkemm ikun hemm xi żbalji, ma jkunux ta’ spiss. | | | | |
| | | Mhux ħażin | | | | | |
| ċ | Dgħajfa Marki: 9-0 | Livell baxx | Din tkun dgħajfa fil-komunikazzjoni u jkun fiha ħafna żbalji kbar. | | | | |
| | | Livell baxx ħafna | | | | | |